# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru:** 794/15 DMA

**Concept 8 Limited**
**C 45639**

**Vs**

**Justin Attard (ID. No. 176886M) f’ismu propju u f’isem Enelux Limited**
**(C 51633)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta’ Settembru, 2015 fejn is-socjeta’ attrici qedgha titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef disa’ mija u seba’ u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€3,987.28) li ghal finijiet tal-kompetenza ta’ dan it-Tribunal qed tigi ridotta ghal ammont ta’ tlett elef erba’ mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti kreditu dovuti lis-socjeta’ attrici ghal servizzi rezi lill-intimati mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-intimati, liema kreditu gie accettat li

jithallas mill-intimati sas-30 ta' Jannar, 2015 permezz ta' skrittura datata 3 ta' Dicembru, 2014 (hawn annessa u markata Dokument 'A') izda l-intimati baqghu inadempjanti.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 243/2015 u bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mill-14 ta' Novembru, 2012 skond l-imsmemija skrittura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2015 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhur sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mill-14 ta' Novembru, 2012, sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 243/2015, ikunu a karigu tal-konvenuti in solidum bejniethom.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**